# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M. Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 540/2015

**Il-Pulizija**

**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**David Schembri**

Seduta tat-30 ta' Settembru, 2019

**Il-Qorti**;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, David (David Norbert) Schembri, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 369676M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-11 t' April 2012 għall-ħabta tas-6.15pm, u/jew ħinijiet qabel ġewwa Division 6 fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u/jew f'dawn il-gżejjer:

1. Volontarjament ta n-nar lill-bini jew lok ieħor (ċella numru 17 f'division 6 meta ġewwa ma kien hemm ebda persuna fil-waqt tal-ħruq, jew volontarjament ta n-nar lill-materjal li jaqbad, u dan il-bini jew lok ieħor (ċella) jew dan il-materjal kien qiegħed b'mod li seta' qabbad il-ħruq lill-bini ieħor jew lok ieħor fejn f'dak il-waqt kien hemm xi persuna;

2. Volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddieħor, mobbli jew immobbli u cioe' għamel ħsara fuq ċella numru 17 liema ħsara ma tiskorrix is-somma ta' elf, mija u erbgħa sittin Euros u disgħa u sittin ċenteżmu (€1164.69) (LM500) u iżjed minn mija u sittax Euros u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) (LM50);

3. U aktar talli fit-22 ta' April 2012 għall-ħabta tal-10.45am, ġewwa l-Facilita' Korrettiva ta' Kordin u/jew ħinijiet wara inġurja, hedded, jew għamel offiża fuq il-persuna tal-Ispettur Spiridione Zammit, persuna inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jagħmel jew minħabba li kien qed jagħmel dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

4. U aktar talli fil-11 ta' April 2012 għall-ħabta tas-6.15pm u/jew ħinijiet wara, ġewwa l-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin u/jew f'dawn il-gżejjer inġurja, hedded, jew għamel offiża fuq PC1395 David Abela u CO85 Godwin Agius, persuni inkarigati skont il-liġi minn servizz pubbliku waqt li kienu qed jagħmlu jew minħabba li kienu qed jagħmlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jbeżżagħhom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

5. U aktar talli b'hekk sar reċidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula jew

imħassra u dan ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' sejbien ta' ħtija, tapplika l-provedimenti tal-Artikolu 33A tal-Kap 9 Tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, tat-2 ta' Diċembru, 2015 li permezz taghha sabet u ddikjarat lill-imputat David (David-Norbert) Schembri (369676m), bħala reċidiv, ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu komplessivament għal tliet (3) snin u disa' (9) xhur priġunerija;

Rat ir-rikors tal-appellant David (David-Norbert) Schembri, ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Diċembru, 2015, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha **tirrevoka** s-sentenza appellata u tilliberaħ minn kull ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

1. L-appellant jillanja s-sentenza appellata bi tlett aggravji bl-ewwel wiehed dirett lejn dak li iqis bhala "interpretazzjoni skorretta mill-ewwel Qorti fuq il-piż dwar prova li jaqa' fuq l-

imputat". Minn ezami tar-rikors u s-sottomissjonijiet tal-abbli difensur tal-imputat, jidher illi l-lanjanza vera u proprja mhix dwar il-piz tal-prova li taqa' fuq l-imputat ghaliex frankament l-imputat ma hu tenut iressaq ebda prova fil-proceduri penali. Dak li dwaru jilmenta l-imputat appellant hu li meta offra d-deposizzjoni tieghu u ppunta subghajh lejn terz bhala r-responsabbli ta' dak li bih spicca imputat, ma kellux ghalfejn iressaq prova biex juri li dak li kien qed jallega dwar it-terz kien minnu;

2. L-appellant jikritika dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti rrimarkat li l-imputat kien missu ppunta subgħajh lejn persuna oħra fil-ħin tal-akkadut fil-ħin meta seħħ l-inċident u mhux meta tela' jixhed snin wara. Barra dan l-imputat kellu jipprova dan sal-punt rikjest mil-liġi. L-appellant jissottometti li x-xhieda tal-imputat hija xhieda bħal ta' kull xhud u m'għandhiex bżonn korroborazzjoni. Il-parti tas-sentenza appellata li ghaliha jaghmel referenza l-appellant hija s-segwenti:

> **"Il-Qorti innotat ukoll illi in sostenn ta' dan kollu, l-imputat tela jixhed u qal li c-cella kien haraqha Alfred sive Fredu Bugeja maghruf bhala l-Porporina, peress illi dan stqarr ma l-imputat (qabel ma sehh il-fatt) li ried jaqla panic u bhal speci l-imputat ma sab ebda oggezzjoni li tkun ic-cella tieghu li tigi mahruqa.**
>
> **Bl-akbar rispett lejn id-difiza, din il-Qorti mhux ser tehli wisq hin fuq il-verzjoni li ta l-imputat peress illi, mehud kollox flimkien u mill-analizi ta' l-istess verzjoni hija inverosimili, mhux ta' min joqghod fuqha, u lanqas b'xi mod ma giet ikkorroborata, sal grad tal-probabbli."**

3. Sabiex ikun konsiderat dan l-aggravju, jokkorri li jkunu rikapitolati il-fatti u l-provi mressqa minn fejn allura jirrizulta illi f'April tas-sena 2012, gwardjani tal-Habs kellhom jintervjenu sabiex jitfu nar li kien ghadu kemm hakem cella numru 17 f'Divizjoni 6 appena rilaxxjata mill-appellant u gia temporanjament okkupata minnu. F'dak il-hin li l-imputat kien ser jittiehed f'cella ohra, hwejgu kienu jinsabu f'boroz barra c-cella li ftit wara garbet in-nar;

4. L-Ispettur Spiridione Zammit xehed illi WPS 167 Justine Grech kienet accediet il-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin biex tinvestiga dan il-hruq u rrizultalha li kien l-imputat li haraq ic-cella tieghu liema hruq kien innotat minn l-uffiċċjali CO Charlie Camileri u CO 112 Manuel Vella hiereg mic-cella. Dak li xehedu dawn l-ufficcjali, izda huwa rappurtat aktar 'l isfel. Meta l-Ispettur Zammit ttenta jkellem lill-imputat, dan qallu li ma ried jgħid xejn, beda jinsulentah u sar aggressiv miegħu. Semma' wkoll il-familji tax-xhud u tal-pulizija;

5. WPS Justine Grech xehedet li fil-11 t'April, fil-hamsa u nofs ta' filghodu , intalbet taghmel rapport dwar dan il-hruq fejn irrizultalha li ċ-ċella in kwistjoni li fiha kien joqgħod l-appellant, kienet miftuha, kien hemm żewġ ħitan, biċċa mit-tieqa, biċċa mis-sink u s-saqqu kollha suwed. CO 112 u CO 94 għarrfuha li dakinhar kienu xammew riħa ta' ħruq, raw id-duħħan u raw iċ-ċella taqbad. Iċ-ċella kienet miftuħa meta waslet ix-xhud;

6. CO 85 Godwin Agius qal li fil-11 t'April, 2012 acceda fiċ-ċella 17 tad-diviżjoni 6 fuq informazzjoni li kellu u sabha taqbad. Din kienet tal-imputat u sabuha miftuħa. Hemmhekk diga kien lahaq PC 1395 David Abela li kien qed jitfi n-nar bill-pyrene [u b'dan il-qorti tifhem li kien qed jirreferi ghall apparat ghat-tifi tan-nar jew *fire extinguisher]*. Hu ukoll qabad "pyrene"

ieħor biex jitfi n-nar. Il-ħwejjeġ tal-imputat kienu barra fid-division. Kellhom ordni sabiex iniżżlu lil David Schembri f'sezzjoni oħra, iħalluh bil-qalziet ta' taħt biss ghas-sigurta' tieghu u ħadlu l-ħabel li kien max-shorts. Kien hawn li tqattgħet biċċa mill-keffa u l-imputat qallu li ried jagħmel il-kontijiet tiegħu u akkużah li kien ħadlu slipper ukoll. Ix-xhud qal li f'kull inspection Schembri jibda jargumenta u spjega li huma jkollhom ordni biex jieħdu kollox. Meta ħadlu s-slipper dan kien għamlu għax l-imputat kien jaħbi l-mobile fis-slipper. L-imputat dejjem jgħid li jrid ipattihielu. Kien hemm drabi oħra meta l-imputat wera li jrid iwaddab tazza bil-hmieg uman ġo fiha lil xi uffiċjal waqt li kien lest iwaddab bott ieħor bi fluwidu seminali gewwa fih iżda kien qed jistenna jiddobba xi ftit aċtu biex jagħmel dan. Meta daħal fiċ-ċella s-saqqu biss kien qed jaqbad;

7. L-istess xhud ddepona li l-ghada, PC 1395 kien qallu li David Schembri wissieh bil-kliem segwenti: *'Ibgħatli risposta għas-sur Godwin illi dan irid ihallas tax-shorts u slipper u dan irid jagħmel il-kontijiet miegħi. Il-mewt biss tista' tnessini u l-bqija nagħmel il-kontijiet miegħu żgur. Biex ma nghamilx il-kontijiet mieghu, il-mewt biss trid tnessini".*

8. PC1395 David Abela kien l-ewwel wiehed li wasal fuq il-post u sab ċ-ċella 17 qed taqbad bis-saqqu qed jaqbad ukoll. Iċ-ċella kien sabha magħluqa imma mbagħad fetħuha l-uffiċjali. L-imputat kien barra bi ħwejġu ppakkjati f'boroż barra ċ-ċella. Wara li tellgħu lill-imputat fis-*single room* ippruvaw ikellmuh u beda jkellimhom ħażin waqt li lilu qallu biex jieħu risposta lis-sur Godwin Agius dwar ix-shorts u s-slipper. Temm jgħid 'Jekk nasal li nweġġa' lili nnifsi irrid inweġġa' lil wieħed minnkom

ukoll.' Il-ħwejjeġ tal-imputat ma kienux ħarġuhom huma barra ċ-ċella;

9. CO 94 Charles Camilleri qal li huma kienu xammew ir-riħa ta' ħruq u ra ċ-ċella taqbad, ċempel lil SRT ħa jmorru jgħinu u imbagħad tal-SRT ħadu lil David Schembri magħhom. Waqt il-*fall in* il-ħwejjeġ tal-imputat kienu ġewwa ċ-ċella imma mbagħad il-ħwejjeġ instabu minn fejn joħorġu tad-Division 6.

10. CO 112 Emmanuel Vella kien ra d-duħħan ħiereġ u niżel isfel ma' oħrajn biex jitfu n-nar u dan kien xi għaxar minuti jew kwarta biss wara l-*fall in* bil-hwejjeg l-imputat barra miċ-ċella;

11. Il-Maġġur James Abela xehed waqt li l-ispettur Zammit kien qed jittenta jkellem lill-imputat, dan qam u beda jgħajjat u joffendi lill-istess Spettur Zammit. Dan ukoll kien konfermat minn PC 1555 George Casha a fol 57 u 58 tal-proċess. Il-Maġġur Martin Cini kkonferma l-istima tal-ħsarat (dok 3 fol 16) taċ-ċella ta' David Schembri u li kien hu li ha r-ritratti esebiti;

12. L-imputat xehed u cahad li kien ħaraq ic-cella hu iżda ippunta subghajh lejn prigunier iehor. Skond hu, daħal qabbad is-saqqu u mhux iċ-ċella. L-imputat qal li dan kien Alfred Bugeja li kien qallu hu stess li ried jaqla' paniku u li ried jidħol f'ċella minnhom u tiegħu kienet perfetta għax ma kien hemm xejn fiha u għażel il-kamra tiegħu. Meta ġew l-SRT huwa kien fil-bitħa minħabba l-foga. L-imputat qal li ma kienx ikkopera mal-Prosekutur meta mar biex ikellmu għax hu (l-imputat) ma kellu x'jaqsam xejn. Wara kollox hemm is-cctv cameras u kien mija fil-mija cert li kien Alfred Bugeja responsabbli. Meta daħal ġewwa ma ħax gost jara ċ-ċella tiegħu taqbad iżda ma qagħadx jinkwieta. Huwa ma riedx jgħid l-ismijiet tal-uffiċjali illi kienu jafu li Alfred Bugeja haraq iċ-ċella għax ma riedx jagħmel għedewwa f'post fejn huwa kkundannat

jgħix għal għomru. Huwa qal li kien ra lil Bugeja diehel kif ukoll ħiereġ mic-cella u dan rawh erba' nies ohra.

13. Lura ghall-ewwel aggravju, l-appellant jilmenta minn dak li hu iqis bhala obbligu li jikkorrobora x-xhieda tieghu meta hu ma kellu jipprova xejn u kellu d-dritt li jibqa' sieket. Il-Qorti ezaminat b'mod partikolari dik il-parti tas-sentenza lamentata mill-imputat u hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz. Minn hawn jemergi illi l-imputat offra d-deposizzjoni tieghu sentejn u disa' xhur wara fil-hin li kien imiss lilu li jaghzel jekk jixhidx jew le wara li l-prosekuzzjoni ghalqet il-provi taghha. *Qua* imputat, ma kellu qatt xi obbligu li jitkellem. Huwa minnu ukoll illi l-appellant ma kellu ghalfejn jipprova xejn u li f'kaz li jressaq xi prova ikun sufficjenti ghalih li dak li jghid jew jallega ikun fil-grad tal-probabbli u mhux, bhal fil-kaz tal-prosekuzzjoni li tkun tehtieg tipprova l-fatt 'l hinn minn dubju dettat mir-raguni;

14. L-appellant izda, qieghed jibbaza l-appell tieghu fuq dak li esprimiet ruhha l-ewwel Qorti meta rriteniet li dak li qal l-imputat ma kienx korroborat, sal grad tal-probabbli. Hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti illi dak li esprimiet l-ewwel Qorti kien korrett izda manifest f'uzu infelici tal-kelma "korroborat". L-ewwel Qorti ghamlitha cara illi ma kienitx qed temmen lill-imputat ghaliex xejn mic-cirkostanzi tal-kaz ma setghu jaghtu konfort ghal dak li kien qal : *"mehud kollox flimkien u mill-analizi ta' l-istess verzjoni u l-komportament ta' l-imputat, hija l-fehma assodata ta' din il-Qorti li din il-verzjoni hija inverosimili".* Ghalhekk meta l-ewwel Qorti qalet li dik il-verzjoni b'ebda mod ma kienet ikkorroborata sal-grad tal-probabbli, huwa evidenti li dak li riedet tfisser hu dak li dwaru esprimiet ruhha ftit qabel, igifieri, u fi kliem iehor, li bil-fatti u l-provi

mressqa mill-prosekuzzjoni, ma setghetx taccetta li probabilment il-fatti sehhew kif qal l-imputat.

15. Din il-Qorti ghalhekk tqis li ma hemm xejn censurabbli dwar il-mod kif l-ewwel Qorti waslet biex tiskarta l-verzjoni tal-imputat, ghajr ghall-uzu hazin tal-kelma “korroborat”. L-ewwel aggravju ghalhekk qed ikun michud;

16. It-tieni gravam tal-imputat jitratta dwar is-sejbien ta’ htija kwantu l-ewwel zewg imputazzjonijiet fuq provi indizzjarji meta dawn ma kellhomx mill-kwalita’ tal-univoci, konkordanti u gravi. Fil-konsiderazzjonijiet taghha, l-ewwel Qorti ddikjarat preventivament illi l-provi kienu kollha indizzjarji, ghajr naturalment ghall-fatt li c-cella inharqet u li din kienet okkupata mill-imputat. Fis-sentenza fl-ismijiet r-**Repubblika ta’ Malta v George Spiteri** deċiza mill-Qorti tal-appell Kriminali fil-5 ta’ Lulju 2002 qalet hekk dwar il-kwalita’ tal-prova indizzjarja: *‘L-prova indizzjarja trid tkun waħda assolutament univoka, li tipponta biss mingħajr dubju dettat mir-raguni lejn fatt jew konkluzzjoni waħda...biex prova ndizzjarja tiġi ammessa bħala prova valida fis-sens li wieħed jista' ragjonevolment jasal għall-konkluzzjoni tiegħu ta' ħtija in bażi tagħha bla ebda dubju dettat mir-raġuni, irid ikun moralment konvint minn dan ir-rekwiżit ta' l-univocita' tagħha, cioe' li dik il-prova tfisser biss u xejn aktar li l-akkużat huwa ħati ta' dak addebitat lilu w, allura, kull dubju ragjonevoli fir-rigward għandu jmur favur l-akkużat skond il-liġi;*

17. Fil-kawza **Il-Pulizija v Paul Grech** deċiza wkoll mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ April 2001, kien ritenut illi *‘l-provi fil-kamp kriminali jistghu jkunu kemm diretti u kif ukoll indizjali, basta dawn ikunu sufficjenti biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-*

*gudikant lil hinn minn kull dubju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat.*

18. Ukoll fil-każ **Il-Pulizija v James Abela** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Lulju 2002 kien ritenut illi 'In kwantu d-dottrina tar-"res ipsa loquitur" timporta xi spostament tal-oneru tal-prova, tali dottrina ma tista' qatt issib post fil-kamp penali. In kwantu, pero', b' "*res ipsa loquitur*" wieħed jifhem biss li l-fatti - inklużi provi indizjarji - "circumstantial evidence" - ikunu tali li l-gudikant iħossu moralment konvint li jista' jiġbed ċerti konkluzzjonijiet minn dawk il-fatti, allura wieħed m'għandux jitkellem dwar "res ipsa loquitur" iżda dwar dak li fid-dottrina Ingliża jissejħu "presumptions of fact"….F'materja ta' inċidenti stradali il-provi indizjarji ħafna drabi jista' jkunu siewja ferm u xi drabi jistgħu anki ikunu siewja ferm aktar minn dawk okulari li, kultant jistgħu ikunu biss soggettivi u kultant, u x'aktarx iva milli le, ikunu kuluriti b' dak li jissejjaħ "esprit de voiture". Umbagħad fejn ma jkunx hemm xhieda okulari li jistgħu jiddeskrivu jew jispjegaw dak li ġara, dawn il-provi indizjarji, jistgħu faċilment u mingħajr bżonn ta' ħafna tiġbid, jagħtu stampa ċara tad-dinamika tal-inċident. S'intendi, bħal kull prova indiretta oħra, iridu jkunu tali li jwasslu għal konkluzzjoni univoka u li biha l-ġudikant ikun moralment konvint lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni mill-ħtija jew responsabbilta' kriminali tal-imputat jew akkużat...hu dover tal-Qorti li tara jekk mill-assjem tal-provi ċirkostanzjali jirrizultax b'mod li jkun sodisfatt il-konvinċiment morali tal-ġudikant sal-grad rikjest fil-proċess penali tirriżultax ħtija ta' sewqan ħażin';

*19.* Tajjeb ukoll li ssir referenza ghal '**Cross and Tapper on Evidence'**( 9th Edition pagna 23) fejn jinghad: '*If the only evidence which could be adduced were that directly of facts in*

*issue, or direct evidence, many claims would fail for lack of adequate proof. At some stage, resort almost always has to be had to 'circumstantial evidence' which may be defined as any fact (sometimes called an 'evidentiary fact'; 'factum probans' or 'fact relevant to the issue') from the existence of which the judge or jury may infer the existence of a fact in issue (sometimes called a principal fact' or factum probandum'). A typical instance is afforded by the statement of a witness at a trial for murder that he saw the accused carrying a blood-stained knife at the door of the house in which the deceased was found mortally wounded. The prosecutor invites the jury first, to assume that the witness is speaking the truth, and secondly, to infer that the accused inflicted the mortal wound with the knife'.*

20. In konkluzzjoni dwar dan l-argument, jizdied jinghad illi hu palezement akkolt fil-gurisprudenza illi "**circumstantial evidence is often the best evidence**" (R vs Taylor 21 CRM App R21 citat f'Pulizija vs Carmelo Busuttil App Krim 6.5.1961 u mhaddan fis-sentenza Pulizia vs Carmelo Ellul Sullivan App Krim 30.10.2001). "**Il-provi indizzjarji hafna darbi huma aktar importanti mill-provi diretti, pero' dawn iridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci**" (Il-Pulizija vs Emanneul Seisun App Krim 9.1.1998). Ugwalment ta' importanza hu s-segwenti monitu u kawtela li "**ghalkemm il-provi indizzjarji jiggeneraw certu suspett qawwi fil-konfront tal-appellant, is-suspett mhux prova**" (Pulizija vs Mark Dimech App Krim 30.4.09). Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-Pulizija vs Cyrus Engerer tat-8 ta' Mejju 2014 fejn il-Qorti ghamlet rassenja gurisprudenzjonali estensiva ta' dan l-aspett tal-prova fis-sistema penali taghna. Il-Qorti ccitat a propositu l-insenjament ta' Pollock C.B li tista' tghid

jigbor fih l-ingredjenti essenzjali ghal-evalwazzjoni tal-prova indizzjarja b'tixbieha verament idonea meta jghid:

*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of seceral cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainity as human affairs can require or admit of.*

21. Fis-sentenza appena citata, il-Qorti gabbret dan kollu f'paragrafu wiehed b'mod eccezzjonali bis-segwenti bran:

*Kwindi jidher car mill-kazistika imsemmija kif ukoll minn din il-kwotazzjoni li biex wiehed jasal li jikkonkludi li l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara* ***l-assjem*** *ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista' jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija* ***<u>b'mod ragonevoli</u>*** *kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita' tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita'.*

23.Mix-xhieda jirriżultaw dawn il-punti: (a) li ċ-ċella kienet tal-appellant; (b) li ħwejjġu kienu kollha barra fil-boroz ghaliex kien ser ikun traslokat; (ċ) Sa għaxar minuti jew kwarta qabel, meta sar il-fall in, il-ħwejjeġ tal-appellant kienu għadhom ġewwa; (d) dak in-nhar l-appellant kien ser jiċċaqlaq. Ma kinux prodotti xi films tas-CCTV cameras u lanqas ma saret xi inkjesta maġisterjali (e) L-appellant kien niżel għal tlitt ijiem biss f'din ic-cella u li kien ser jiċċaqlaq dak in-nhar stess. Sa għaxar minuti jew kwarta qabel, il-ħwejjeġ kienu ġewwa u nħarqu biss affarijiet tal-gvern. Dawn ic-cirkostanzi kollha kienu konsiderati mill-ewwel Qorti bhala li jippuntaw f'direzzjoni wahda b'mod univoku. La darba ma hemm xejn li jista' jiddemostra mod iehor, din il-Qorti ma tarax ghaliex ghandha tiddisturba d-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti u ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

24. It-tielet aggravju huwa dwar it-theddid. L-appellant jissottometti li dak li qal ma kienx jammonta għal theddid imma kien kliem biex ħadd ma jweġġa' lill-appellant. Bir-rispett kollu dak li jidher a fol 14 ma jirriflettix dak li qal l-appellant fl-appell tiegħu. "Eżatt wara din il-mistoqsija David sar aggressiv, qabad u ħareġ mill-uffiċju u kellhom iżommuh il-Maġġur James Abela u PC 1555 George Casha u beda jitkellem ħażin u jgħid il-kliem f' ...........mejtin tiegħu li hu kliem indirizzat lill-Ispettur u jgħid ukoll, 'Ħalluni kwiet għax noqtol li xi ħadd minnkom.' Il-Prosekuzzjoni tellgħu diversi xhieda fosthom lil David Abela u lil Godwin Agius. Qalilhom li din mhix ser tieqaf hawn, din ser tkun bi kbira. Dan certament jikwalifika bhala theddid dirett u ta' portata gravi u din il-Qorti ma tistax takkolji l-aggravju dwar sejbien ta' htija f'dan ir-rigward u ghalhekk dan qed ikun michud;

25. L-appell, ghalhekk qed ikun michud fl-intier tieghu.